ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 80

Volum 57

Edizzjoni bil-Malti

19 ta' Marzu 2014

## Informazzjoni u Avviżi

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

III *Atti preparatorji*

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2014/C 80/01 — Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2014 dwar proposta għal regolament dwar il-posponiment tad-data tal-migrazzjoni lejn is-SEPA (CON/2014/3) . . . . . 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 80/02 — Rata tal-kambju tal-euro . . . . . 5

2014/C 80/03 — Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni . . . . . 6

2014/C 80/04 — Notifika tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għat-28 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' April 2014 *(Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))* 7

MT

**Prezz:**
**EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

V *Avviżi*

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 80/05 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 8

MT

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-22 ta' Jannar 2014**

**dwar proposta għal regolament dwar il-posponiment tad-data tal-migrazzjoni lejn is-SEPA**

**(CON/2014/3)**

(2014/C 80/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fl-14 ta' Jannar 2014, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 260/2012 fir-rigward tal-migrazzjoni lejn trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti mal-Unjoni kollha ([1]) (minn hawn 'il quddiem "ir-regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE sabiex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, billi r-regolament propost fih dispożizzjonijiet li jaqgħu fl-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE, b'mod partikolari b'konnessjoni mal-kompitu bażiku tal-Eurosistema taħt l-Artikolu 127(2) tat-Trattat li jippromwovi l-operat bla xkiel ta' sistemi ta' pagament. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### Skop u kontenut tar-regolament propost

Fid-9 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat ir-regolament propost, li għandu jemenda r-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bl-introduzzjoni ta' perjodu tranżitorju addizzjonali ta' sitt xhur. Taħt ir-regolament propost, "klawsola ta' anterjorità" tippermetti li l-banek u l-fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament jipproċessaw il-ħlasijiet li mhumiex konformi mar-Regolament (UE) Nru 260/2012 sal-1 ta' Awwissu 2014, biex jiżguraw li l-parteċipanti tas-suq li ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) Nru 260/2012 sa Frar 2014 jistgħu jkomplu jagħmlu ħlasijiet u jevitaw kull inkonvenjenza għall-konsumaturi.

1. ***Osservazzjonijiet ġenerali***

1.1. Immedjatament wara l-pubblikazzjoni tar-regolament propost, l-Eurosistema rrikonoxxiet fi stqarrija ([3]) l-isforzi tal-migrazzjoni b'saħħithom u ta' suċċess li twettqu mill-partijiet interessati fiż-żona tal-euro. L-istqarrija semmiet li l-iktar informazzjoni riċenti mill-kommunitajiet nazzjonali taż-żona unika ta' pagamenti bl-euro (SEPA) tissuġġerixxi li r-ritmu tal-migrazzjoni huwa għoli u mgħaġġel, li jindika li l-maġġoranza vasta tal-partijiet interessati ser ilestu l-migrazzjoni fil-ħin.

1.2. Ir-regolament propost wassal għal konfużjoni fis-swieq dwar l-iskadenza għall-migrazzjoni u għalhekk hemm bżonn urġenti għal gwida ċara. Tħassib ulterjuri huwa n-nuqqas ta' ċertezza legali fil-każ li r-regolament propost huwa adottat biss wara l-iskadenza attwali, jiġifieri l-1 ta' Frar 2014. Dan it-tħassib

([1]) COM(2013) 937 final.

([2]) Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22).

([3]) Stqarrija għall-istampa tad-9 ta' Jannar 2014. Disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq http://www.ecb.europa.eu

se jkun parzjalment indirizzat mill-applikazzjoni retroattiva proposta tar-regolament propost, jiġifieri mill-31 ta' Jannar 2014. Kemm jista' jkun, għandha tiġi evitata sitwazzjoni fejn matul iż-żmien fejn tapplika l-iskadenza attwali għall-migrazzjoni sakemm jiġi adottat ir-regolament propost, is-swieq ikunu inċerti fir-rigward tal-adozzjoni tar-regolament propost.

1.3. Huwa għalhekk ta' importanza kbira li tiġi introdotta mill-ġdid iċ-ċertezza legali, titnaqqas il-konfużjoni fis-swieq u tingħatalhom gwida ċara dwar l-iskadenza. Dawn l-oġġettivi jistgħu jiġu żgurati l-aħjar permezz ta' adozzjoni mgħaġġla tar-regolament propost mill-Kunsill u mill-Parlament, mingħajr alterazzjonijiet ulterjuri fl-elementi ewlenin tiegħu.

## 2. *Osservazzjonijiet speċifiċi*

Bil-ħsieb tal-oġġettivi imsennija aktar 'il fuq, u sal-punt li tippermetti l-proċedura leġiżlattiva rapida, il-BĊE jipproponi bidliet li għandhom l-għan li (a) jikkjarifikaw l-iskop tar-regolament propost (l-introduzzjoni ta' perjodu tranżitorju *addizzjonali*, permezz ta' deroga) u l-ġustifikazzjoni tiegħu (huwa improbabbli li l-migrazzjoni lejn is-SEPA titlesta kollha sal-1 ta' Frar 2014); (b) it-terminoloġija tar-regolament propost tiġi allinjata ma' dik tar-Regolament (UE) Nru 260/2012, u (ċ) jiġi żgurat li l-effett tal-perjodu tranżitorju fuq l-impożizzjoni tal-penalitajiet jiġi ċċarat.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-regolament propost jiġi emendat, qed jiġu stipulati fl-Anness proposti speċifiċi tal-abbozzar flimkien ma' test spjegattiv.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Jannar 2014.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

**Proposti għall-abbozzar**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 1***

Premessa 6

| | |
|---|---|
| "(6) Mill-1 ta' Frar 2014, il-banek u l-fornituri oħrajn tas-servizzi ta' pagamenti se jkollhom jirrifjutaw li jaċċettaw l-ipproċessar ta' trasferimenti ta' kreditu jew debiti diretti li mhumiex konformi mas-SEPA minħabba l-obbligi ġuridiċi tagħhom, għalkemm, hekk kif attwalment huwa diġà l-każ, huma teknikament jistgħu jipproċessaw dawn il-pagamenti billi jkomplu jużaw skemi ta' pagamenti antiki eżistenti flimkien ma' SCT u SDD. Fin-nuqqas ta' migrazzjoni sħiħa lejn SCT u SDD, ma jistgħux jiġu esklużi inċidenti li jinvolvu pagamenti li jwasslu għal dewmien f'dawn il-pagamenti. L-utenti kollha ta' servizzi ta' pagament u partikolarment l-SMEs u l-konsumaturi jistgħu jkunu affettwati." | "(6) Mill-1 ta' Frar 2014, il-banek u l-fornituri oħrajn tas-servizzi ta' pagamenti se jkollhom jirrifjutaw li jaċċettaw l-ipproċessar ta' trasferimenti ta' kreditu jew debiti diretti li mhumiex konformi mas-SEPA minħabba l-obbligi ~~ġuridiċi~~ tagħhom **taħt ir-Regolament (UE) Nru 260/2012**, għalkemm, hekk kif attwalment huwa diġà l-każ, huma teknikament jistgħu jipproċessaw dawn il-pagamenti billi jkomplu jużaw skemi ta' pagamenti antiki eżistenti flimkien ma' SCT u SDD. Fin-nuqqas ta' migrazzjoni sħiħa lejn SCT u SDD, ma jistgħux jiġu esklużi inċidenti li jinvolvu pagamenti li jwasslu għal dewmien f'dawn il-pagamenti. L-utenti kollha ta' servizzi ta' pagament u partikolarment l-SMEs u l-konsumaturi jistgħu jkunu affettwati." |

*Spjegazzjoni*

*It-terminu "obbligi ġuridiċi" huwa wieħed vag u għandha ssir referenza għar-Regolament (UE) Nru 260/2012.*

***Emenda 2***

Premessa 7

| | |
|---|---|
| "(7) Huwa essenzjali li jiġi evitat tfixkil żejjed ta' pagamenti li jirriżulta mill-fatt li l-migrazzjoni lejn is-SEPA ma tkunx kompletament lesta sal-1 ta' Frar 2014. (…) Għalhekk għandu jiġi introdott perjodu tranżitorju li jippermetti l-kontinwazzjoni ta' tali pproċessar parallel ta' pagamenti f'formati differenti. (…) Matul il-perjodu tranżitorju, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli japplikaw penalitajiet għall-fornituri tas-servizzi ta' pagamenti li jipproċessaw pagamenti mhux konformi u għall-utenti tas-servizzi ta' pagamenti li għadhom ma emigrawx." | "(7) Huwa essenzjali li jiġi evitat tfixkil żejjed ta' pagamenti li jirriżulta mill-~~fatt li l-~~migrazzjoni lejn is-SEPA ~~ma tkunx~~ **li hija improbabbli li tkun** kompletament lesta sal-1 ta' Frar 2014. (…..) Għalhekk għandu jiġi introdott perjodu tranżitorju **addizzjonali** li jippermetti l-kontinwazzjoni ta' tali pproċessar parallel ta' pagamenti f'formati differenti. (…) **Għandu jiġi kkjarifikat b'mod ċar illi** ~~M~~matul il-perjodu tranżitorju **addizzjonali**, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli japplikaw penalitajiet għall-fornituri tas-servizzi ta' pagamenti li jipproċessaw pagamenti mhux konformi u għall-utenti tas-servizzi ta' pagamenti li għadhom ma emigrawx." |

*Spjegazzjoni*

*Il-frażi "il-fatt li l-migrazzjoni lejn is-SEPA ma tkunx kompletament lesta sal-1 ta' Frar 2014" hija kontradetta mill-premessa 5 li taqra "huwa għalhekk improbabbli ħafna li l-parteċipanti kollha tas-suq se jkunu konformi mas-SEPA sal-1 ta' Frar 2014". Iż-żewġ premessi għandhom jiġu ssimplifikati. Barra minn dan, it-terminoloġija "perjodu tranżitorju addizzjonali" għandha tiġi applikata b'mod konsistenti. Finalment, għall-finijiet taċ-ċertezza legali, in-nuqqas ta' applikabbiltà tal-penalitajiet matul u bħala riżultat tal-perjodu tranżitorju addizzjonali trid tiġi ddikjarata bħala fatt.*

***Emenda 3***

Artikolu 1(1)

| | |
|---|---|
| "1. Minkejja l-Artikolu 6(1) u (2), il-PSPs jistgħu jkomplu, sal-1 ta' Awwissu 2014, jipproċessaw tranżazzjonijiet ta' pagamenti f'euro f'formati li huma differenti minn dawk meħtieġa għat-trasferimenti ta' kreditu SEPA u għad-debiti diretti SEPA." | "1. ~~Minkejja~~ **Permezz ta' deroga mill-**Artikolu 6(1) u (2), il-PSPs jistgħu jkomplu, sal-1 ta' Awwissu 2014, jipproċessaw tranżazzjonijiet ta' pagamenti f'euro f'formati **antiki** li huma differenti minn dawk meħtieġa għat-trasferimenti ta' kreditu ~~SEPA~~ u għad-debiti diretti ~~SEPA~~ **taħt dan ir-Regolament**." |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Spjegazzjoni*

*It-terminu "permezz ta' deroga" huwa meħud mit-test attwali tar-Regolament (UE) Nru 260/2012 u huwa legalment preċiż. It-terminu "trasferimenti ta' kreditu SEPA" u "debiti diretti SEPA" mhumiex iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 260/2012. Għall-finijiet taċ-ċertezza legali, l-iskop ta' din id-deroga irid ikun ċar.*

***Emenda 4***

Artikolu 1(1), it-tieni paragrafu

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE |
|---|---|
| "L-Istati Membri japplikaw ir-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tal-Artikolu 6(1) u (2), stabbiliti skont l-Artikolu 11, biss mit-2 ta' Awwissu 2014." | "L-Istati Membri japplikaw ir-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tal-Artikolu 6(1) u (2), stabbiliti skont l-Artikolu 11, biss mit-2 ta' Awwissu 2014 **u fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti mibdija nhar jew wara t-2 ta' Awwissu 2014 biss**." |

*Spjegazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, irid jiġi ċċarat illi l-penalitajiet għa tranżazzjonijiet ipproċessati matul il-perjodu tranżizzjonali addizzjonali huma esklużi.*

***Emenda 5***

Artikolu 1(1), it-tielet paragrafu

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE |
|---|---|
| "B'deroga mill-Artikoli 6(1) u (2), l-Istati Membri jistgħu, sal-1 ta' Frar 2016, iħallu lill-PSPs biex jipprovdu lill-PSUs, b'servizzi ta' konverżjoni għall-pagamenti nazzjonali, li jippermettu lill-PSUs li jkunu konsumaturi jkomplu jużaw BBAN minflok l-identifikatur tal-kont ta' pagament speċifikat fil-punt (1)(a) tal-Anness bil-kundizzjoni li l-interoperabilità tiġi żgurata billi jiġi konvertit il-BBAN ta' min iħallas u tal-benefiċjarju b'mod tekniku u sikur fl-identifikatur tal-kont ta' pagament rispettiv speċifikat fil-punt (1)(a) tal-Anness. (…)" | "B'deroga mill-Artikoli 6(1) u (2), l-Istati Membri jistgħu, sal-1 ta' Frar 2016, iħallu lill-PSPs biex jipprovdu lill-PSUs, b'servizzi ta' konverżjoni ~~għall~~ **għat-tranżazzjonijiet ta'** pagamenti nazzjonali, li jippermettu lill-PSUs li jkunu konsumaturi jkomplu jużaw BBAN minflok l-identifikatur tal-kont ta' pagament speċifikat fil-punt (1)(a) tal-Anness bil-kundizzjoni li l-interoperabilità tiġi żgurata billi jiġi konvertit il-BBAN ta' min iħallas u tal-benefiċjarju b'mod tekniku u sikur fl-identifikatur tal-kont ta' pagament rispettiv speċifikat fil-punt (1)(a) tal-Anness. (…)" |

*Spjegazzjoni*

*Allinjament mat-terminoloġija tar-Regolament (UE) Nru 260/2012.*

(1) It-tipa skura fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi li jiddaħħal test ġdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi t-tħassir ta' test.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**It-18 ta' Marzu 2014**

(2014/C 80/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3902 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5355 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 141,10 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,7971 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4639 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6138 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83830 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7583 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,8226 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 487,97 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2162 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,9281 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,6083 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,3050 | HRK | Kuna Kroata | 7,6580 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 718,74 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,411 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,5550 |
| HUF | Forint Ungeriż | 311,52 | PHP | Peso Filippin | 62,322 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 50,5525 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2092 | THB | Baht Tajlandiż | 44,671 |
| RON | Leu Rumen | 4,5050 | BRL | Real Brażiljan | 3,2726 |
| TRY | Lira Turka | 3,0885 | MXN | Peso Messikan | 18,3367 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5255 | INR | Rupi Indjan | 85,0052 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**

(2014/C 80/03)

Il-Kummissjoni qiegħda tiddikjara li għandha l-intenzjoni li timplimenta l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – is-settur tat-trasport f'konformità mal-ammonti indikattivi skont il-prijoritajiet ta' fondi li jinsabu fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2013) 940) ([1]), mingħajr ħsara għall-flessibbiltà neċessarja meħtieġa għall-implimentazzjoni baġitarja.

L-ammonti indikattivi jistgħu jiġu riveduti wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li se tiġi mħejjija mill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2017, kif iddikjarat fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ([2]).

---

([1]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-bini tan-Netwerk Ewlieni tat-Trasport: Il-Kurituri tan-Netwerk Ewlieni u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" COM(2013) 940.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (UE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013).

**Notifika tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għat-28 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' April 2014**

*(Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))*

(2014/C 80/04)

Rati bażi kkalkulati skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu biex tkun stabbilita r-rata ta' referenza u ta' tnaqqis (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6). Skont l-użu tar-rata ta' referenza, il-marġini xierqa għad għandhom ikunu ddefiniti f'din il-komunikazzjoni. Għar-rata ta' tnaqqis, dan ifisser li għandu jiżdied marġini ta' 100 punt bażi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-regolament ta' implimentazzjoni (KE) Nru 794/2004 jipprevedi li, jekk mhux speċifikat diversament f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' rkupru għandha tkun ikkalkulata wkoll billi jkunu miżjuda 100 punt bażi fuq ir-rata bażi.

Ir-rati modifikati huma indikati b'tipa grassa.

Abbozz tat-test ippubblikat fil-ĠU C 53, 25.2.2014, p. 26.

| Minn | sa | AT | BE | BG | CY | CZ | DE | DK | EE | EL | ES | FI | FR | HR | HU | IE | IT | LT | LU | LV | MT | NL | PL | PT | RO | SE | SI | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.4.2014 | … | 0,53 | 0,53 | 2,96 | 0,53 | **0,58** | 0,53 | 0,78 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | 1,83 | **2,92** | 0,53 | 0,53 | 0,69 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | 2,75 | 0,53 | 3,72 | **1,06** | 0,53 | 0,53 | 0,88 |
| 1.3.2014 | 31.3.2014 | 0,53 | 0,53 | 2,96 | 0,53 | 0,71 | 0,53 | 0,78 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | **1,83** | 3,45 | 0,53 | 0,53 | 0,69 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | 0,53 | 2,75 | 0,53 | 3,72 | 1,29 | 0,53 | 0,53 | 0,88 |
| 1.1.2014 | 28.2.2014 | **0,53** | **0,53** | **2,96** | **0,53** | **0,71** | **0,53** | **0,78** | **0,53** | **0,53** | **0,53** | **0,53** | **0,53** | **2,35** | **3,45** | **0,53** | **0,53** | **0,69** | **0,53** | **0,53** | **0,53** | **0,53** | **2,75** | **0,53** | **3,72** | **1,29** | **0,53** | **0,53** | **0,88** |

V

*(Avviżi)*

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2014/C 80/05)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għall-oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel** [2]

**"CEBULARZ LUBELSKI"**

**Nru tal-KE: PL-PGI-0005-01092-07.02.2013**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Cebularz lubelski"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Il-Polonja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 2.4: Ħobż, prodotti tal-għaġina, kejkijiet, ħelu, gallettini u prodotti oħra tal-furnara.

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li japplika għalih l-isem f'(1)*

Iz-"Cebularz lubelski" huwa ftira ċatta u tonda, b'dijametru ta' bejn 5 cm u 25 cm u bi ħxuna ta' madwar 1,5 cm, magħmula minn għaġina tad-dqiq tal-qamħ ta' kwalità għolja, li tipikament ikun fiha darbtejn aktar zokkor u marġerina jew butir mill-għaġina tad-dqiq tal-qamħ normali. Il-wiċċ tagħha għandu saff mili magħmul minn basal imqatta' oħxon, imħallat ma' żrieragħ tal-pepprin, melħ u żejt veġetali. Il-mili għandu lewn dehbi, b'togħma u aroma karatteristiċi tal-basal moqli. Ix-xifer tal-madwar għandu ħxuna ta' bejn 0,5 cm u 1,5 cm, b'qoxra tqarmeċ, lewn id-deheb ċar jagħti kemxejn fl-ismar. L-ilbieba hija ċara, ratba, u kemxejn niedja. Il-mili jfuħ b'aroma tipika ta' basal li għadu kif inqela. Jekk iz-"Cebularz lubelski" jkun inħema fuq qiegħ tan-nuħħala, tidher in-nuħħala tal-qamħ fuq in-naħa t'isfel tiegħu.

[1] ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
[2] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

Iz-"Cebularz lubelski" jista' jittiekel sa 48 siegħa wara li jkun inħema.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Għaġina

— dqiq tal-qamħ ta' kwalità tajba għall-ikel (ħieles minn elementi kontaminanti organiċi jew inorganiċi, b'numru tal-waqgħa (*falling number*) ta' mill-inqas 220, u kontenut ta' gluten ta' mill-anqas 25 %) – 100 kg

— zokkor – 2 kg

— marġerina jew butir – 3 kg

— ħmira – 4 kg

— ilma – 50 l

— melħ – 1 kg

Mili

— basal – 30 kg

— żejt veġetali – 1 l (żejt tal-kolza, żejt tal-ġirasol jew taħlita tat-tnejn li huma)

— żerriegħa tal-pepprin blu – 3 kg

— melħ – 1,5 kg

3.4. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Kull stadju fil-produzzjoni għandu jsir fiż-żona ġeografika ddefinita:

— it-tħejjija tal-mili;

— it-tħejjija tal-għaġina;

— it-tqassim tal-għaġina;

— it-tiswir tal-biċċiet;

— il-ħami.

3.5. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar eċċ.*

Iz-"Cebularz lubelski" jista' jinbiegħ mingħajr ippakkjar.

Jista' jitqiegħed f'ippakkjar individwali biss wara li jkun bired. L-ippakkjar tal-prodott qabel ma jkun bired iwassal għal żieda fl-indewwa u jtellef malajr il-kwalità tqarmeċ.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tikkettar*

Jekk jintuża ppakkjar, it-tikketta taz-"Cebularz lubelski" għandha tinkludi s-simbolu tal-indikazzjoni ġeografika protetta.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Il-provinċja ta' Lubelskie, kif iddefinita mill-konfini amministrattivi tagħha.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

It-tradizzjoni tal-furnara ta' Lublin tmur lura għall-Medjuevu, filwaqt li l-ewwel referenza għall-ftira ċatta taz-"Cebularz lubelski"– kif ukoll għar-riċetta tagħha li ntirtet minn ġenerazzjoni għall-oħra– tmur lura għas-seklu 19. Is-"Cebularz lubelski" nħema għall-ewwel darba mil-Lhud li kienu jgħixu fil-Kwartier Antik ta' Lublin. Maż-żmien, billi r-riċetta kienet sempliċi u l-ingredjenti kienu rħas, din it-tip ta' ftira nxterdet mar-reġjun kollu ta' Lublin. Karatteristika tipika tar-reġjun għal bosta sekli kienet it-tlaqqigħ ta' tradizzjonijiet differenti tal-furnara, u magħha l-iskambju ta' riċetti u ta' modi ta' użu ta' ċerti ingredjenti minn furnara tas-sengħa ġejjin minn kulturi differenti. B'riżultat ta' dan ġiet stabbilita t-tradizzjoni tal-ħami taz-"Cebularz lubelski", li sar imfittex ħafna mill-konsumaturi, tant li ntrabat mill-qrib ħafna mar-reġjun ta' Lublin.

Mit-tifkiriet tar-residenti ta' Lublin tul is-snin ta' bejn iż-żewġ gwerer (1919-1939), nafu li z-"Cebularz lubelski" kien prodott mill-aktar mifrux, li kien jinħema f'ħafna fran tal-Lhud. Seta' jinxtara wkoll direttament mill-qfief li l-bejjiegħa tat-triq kienu jġorru ma' spallejhom. L-eqdem residenti ta' Lublin jiftakru l-preżenza kbira li kellhom dawn il-prodotti moħmija, kif ukoll ir-riħa tfuħ tagħhom, it-togħma delikata u l-prezz baxx, li tant kienu jħajru li ma kellhomx bżonn riklamar.

In-nies b'rabta mas-settur tal-furnara, inkluż is-sid tal-ewwel forn li fetaħ wara t-Tieni Gwerra Dinjija, huma l-aqwa għajn ta' tagħrif dwar iz-"Cebularz lubelski". Illum dan il-forn huwa mmexxi mit-tielet ġenerazzjoni ta' furnara. Is-sid jiftakar li l-firxa ta' prodotti li kienu jinbiegħu mill-forn meta reġa' fetaħ wara l-ħerba tal-gwerra kienet limitata, iżda z-"Cebularz lubelski" kien wieħed mill-prodotti għall-bejgħ fl-ewwel milied ta' wara l-gwerra.

Karatteristika tipika tar-reġjun ta' Lublin hija s-settur żviluppat ħafna tal-furnara. Ħafna mill-ifran attivi llum huma negozji tal-familja, immexxija bis-sengħa minn ġenerazzjoni wara l-oħra. Kien hekk li l-għarfien u l-esperjenza baqgħu jintirtu b'mod naturali. Barra minn hekk, illum il-ġurnata, element bażiku tat-taħriġ vokazzjonali għall-furnara fil-provinċja Lubelskie huwa li jaħkmu l-arti tal-produzzjoni taz-"Cebularz lubelski". Din hija karatteristika tipika ta' dan ir-reġjun biss.

Iz-"Cebularz lubelski" sar ukoll parti importanti u stabbilita tad-dieta tal-poplu tar-reġjun, billi din kienet iddominata minn platti sempliċi magħmula mill-iktar uċuħ tar-raba' disponibbli, bħaċ-ċereali, il-basal, il-pjanti għaż-żejt taż-żerriegħa (kolza u kittien) u ż-żerriegħa tal-pepprin blu.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-karatteristiċi li ġejjin jagħżlu b'mod partikulari z-"Cebularz lubelski" minn prodotti oħra tal-furnara żviluppati fl-istess żona ta' produzzjoni:

— l-użu ta' għaġina tad-dqiq tal-qamħ ta' kwalità għolja;

— it-tiswir tal-prodott bl-idejn;

— il-forma ta' ċirku;

— xifer tal-għaġina mixwi, b'qoxra tqarmeċ;

— mili ta' basal mingħajr trattament termali, b'żerriegħa tal-pepprin; u

— ilbieba ċara, ratba, kemxejn niedja u tfuħ.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika ddefinita u l-kwalità jew karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO), jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Ir-rabta bejn iz-"Cebularz lubelski" u r-reġjun tissejjes fuq l-ispeċifiċità tiegħu, kif deskritta fil-punt 5.2., kif ukoll fuq ir-reputazzjoni tiegħu.

L-isem "Cebularz lubelski" jixhed l-użu ta' mili bil-basal. Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, il-ftajjar bil-basal kienu jinħmew mil-Lhud li kienu jgħixu f'Lublin, Kazimierz Dolny u Zamość. Wara l-gwerra, ir-riċetta nxterdet malajr mar-reġjun kollu ta' Lublin. Prodott b'karatteristiċi uniċi, iz-"Cebularz lubelski" inħoloq permezz tal-ispeċifiċità taż-żona ġeografika. L-iskambju ta' tradizzjonijiet tal-furnara wassal, fost l-oħrajn, għall-iżvilupp ta' dan il-prodott bażiku tal-ħobż.

Il-karatteristiċi speċifiċi taz-"Cebularz lubelski" ġejjin mir-rabta mill-qrib ħafna maż-żona ta' produzzjoni. Ir-rabta toħroġ biċ-ċar, qabelxejn, fil-ħiliet tal-furnara lokali. Dawn il-ħiliet isibu l-espressjoni tagħhom, ngħidu aħna, fil-mod preċiż kif jipproduċu z-"Cebularz lubelski", inklużi l-għażla ta' basal b'togħma ħelwa u moderata, is-sengħa fil-mod uniku ta' tħejjija tal-mili mingħajr ma jissaħħan, u l-iżgurar tat-tul ta' żmien u tal-kundizzjonijiet xierqa għall-maturazzjoni. Il-ħila fit-tħejjija tal-għaġina tad-dqiq tal-qamħ ta' kwalità għolja, fejn huwa importantissmu li jiġi rrispettat il-proporzjon preċiż tal-ingredjenti, it-tiswir taz-"Cebularz lubelski" bl-idejn, u t-tqassim uniformi tal-mili mal-wiċċ kollu

tal-għaġina sabiex jinħoloq xifer kemxejn mixwi madwar il-prodott, huma kollha essenzjali. Ta' min wieħed jisħaq ukoll fuq il-fatt li z-"Cebularz lubelski" qatt ma ġie prodott barra mir-reġjun ta' Lublin.

Iz-"Cebularz lubelski" huwa mfaħħar ħafna mill-konsumaturi tiegħu, tant li huwa preżenti f'kull avveniment, kompetizzjoni, festival u fiera tas-settur tal-furnara fil-Polonja u barra minnha, fosthom il-festivals tal-ħsad ta' Lublin u Radawiec Duży, il-festival tal-ħobż Święto Chleba fil-Mużew Miftuħ ta' Lublin, il-Fiera tal-Prodotti Reġjonali Ewropej f'Zakopane, il-Fiera Internazzjonali tal-Ħobż f'Jawor, Polagra Food f'Poznań, the il-Jiem tal-Ikel Naturali "Natura Food", u l-fiera internazzjonali tal-ikel "Food & Taste" fi Frankfurt an der Oder. Iz-"Cebularz lubelski" jinbiegħ u jista' jiddewwaq f'kull wieħed minn dawn l-avvenimenti u f'oħrajn simili. B'riħet hekk, sar wieħed mis-simboli promozzjonali ewlenin għall-provinċja Lubelskie. Iz-"Cebularz lubelski" ikun preżenti wkoll kull fejn issir kompetizzjoni biex jinstab l-aqwa prodott gastronomiku tar-reġjun ta' Lublin. Waħda mill-aktar kompetizzjonijiet importanti fuq livell nazzjonali huwa Nasze Kulinarne Dziedzictwo – Smaki Regionów, imtellgħa mill-Kamra Pollakka tal-Prodotti Reġjonali u Lokali. Barra minn hekk, l-għan ta' waħda mill-kompetizzjonijiet ewlenin għall-furnara tas-sengħa waqt il-festival tal-ħobż Święto Chleba, imtellgħa kull sena fil-Mużew Miftuħ ta' Lublin mill-Fergħa Reġjonali ta' Lublin tal-Għaqda Pollakka tal-Furnara tas-Sengħa u l-Għaqda tal-Artiġjani tal-Ikel ta' Lublin, huwa li jsib l-aqwa "Cebularz lubelski".

Iz-"Cebularz lubelski" jiġi servit ukoll f'bosta avvenimenti u attivitajiet imtellgħin fil-provinċja Lubelskie, bħal pikniks tal-familja (eż. il-Piknik Rodzinny fi Czerniejów), l-ewwel "Laqgħa onomastika f'Lublin għall-irġiel bl-isem ta' Zbigniew", u l-"Laqgħa tan-nisa tas-settur tal-furnara" organizzata mill-Kamra tas-Snajja' u tal-Intrapriżi ta' Lublin.

Iz-"Cebularz lubelski" ddaħħal fil-"Mappa gastronomika tar-reġjun ta' Lublin", inizjattiva konġunta tal-gazzetta lokali "Dziennik Wschodni" u tal-awtoritajiet tal-provinċja ta' Lubelskie, li timmira li tippreżenta l-gastronomija multikulturali tar-reġjun.

Ir-reputazzjoni u s-sinfikat qawwi taz-"Cebularz lubelski" għall-komunità lokali jixhdhom il-fatt li l-midja spiss tiddedikalu programmi tat-televixin u tar-radju, artikli tal-istampa u pubblikazzjonijiet, eċċ.:

— "Cebularz jest lubelski", Przegląd Piekarski i Cukierniczy, Settembru 2007;

— "Lubelski cebularz – historia regionalna", Biuletyn Izby Rzemiosła i Przedsiębiorczości w Lublinie, Mejju/Ġunju 2010;

— "Jak cebularz, to tylko lubelski", Kurier Lubelski, l-20 ta' Awwissu 2010 u l-10 ta' Settembru 2010;

— "Cebularz super star", Dziennik Wschodni, is-26 ta' Marzu 2011.

Għadd ta' artikli fuq dan is-suġġett ġew ippubblikati fuq l-internet.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 [3])

http://www.minrol.gov.pl/pol/Jakosc-zywnosci/Produkty-regionalne-i-tradycyjne/Zlozone-wnioski-o-rejestracje-Produkty-regionalne-i-tradycyjne/OGLOSZENIE-MINISTRA-ROLNICTWA-I-ROZWOJU-WSI-z-dnia-7-wrzesnia-2012-roku

---

[3] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT